

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 152/2007

tas-7 ta' Diċembru 2007

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 138/2007 tas-26 ta' Ottubru 2007 ⁽¹⁾.
- (2) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 538/2007 tal-15 ta' Mejju 2007 dwar l-awtorizzazzjoni ta' użu ġdid ta' l-Enterococcus faecium DSM 7134 (Bonvital) bħala addittiv ta' l-ġhalf ⁽²⁾ għandu jiġi inkorporat mal-Ftehim.
- (3) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 634/2007 tas-7 ta' Ġunju 2007 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni tas-selenometjonina prodotta minn Saccharomyces cerevisiae NCYC R397 bħala addittiv fl-ġhalf ⁽³⁾ għandu jiġi inkorporat mal-Ftehim.
- (4) Deċiżjoni Nru 623/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 li temenda d-Direttiva 2002/2/KE li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 79/373/KEE dwar iċ-ċirkolazzjoni ta' l-ġhalf kompost ⁽⁴⁾ għandu jiġi inkorporat mal-Ftehim.
- (5) Din id-Deċiżjoni m'għandhiex tapplika għal-Liechtenstein,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Kapitolu II ta' l-Anness I mal-Ftehim għandu jkun emendat kif ġej:

1. Il-punti li ġejjin għandhom jiġu mdaħħla wara l-punt 1zzzr (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 537/2007):
 - "1zzzs. **32007 R 0538:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 538/2007 tal-15 ta' Mejju 2007 dwar l-awtorizzazzjoni ta' użu ġdid ta' l-Enterococcus faecium DSM 7134 (Bonvital) bħala addittiv ta' l-ġhalf (ĠU L 128, 16.5.2007, p. 16).
 - 1zzzt. **32007 R 0634:** Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 634/2007 tas-7 ta' Ġunju 2007 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni tas-selenometjonina prodotta minn Saccharomyces cerevisiae NCYC R397 bħala addittiv fl-ġhalf (ĠU L 146, 8.6.2007, p. 14)."
2. Li ġej għandu jiżdied fis-16-il inċiż (id-Direttiva 2002/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-punt 5 (id-Direttiva tal-Kunsill 79/373/KEE):

" , kif emendat b'li ġej:

— **32007 D 0623:** Deċiżjoni Nru 623/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 (ĠU L 154, 14.6.2007, p. 23)."

⁽¹⁾ ĠU L 100, 10.4.2008, p. 62.⁽²⁾ ĠU L 128, 16.5.2007, p. 16.⁽³⁾ ĠU L 146, 8.6.2007, p. 14.⁽⁴⁾ ĠU L 154, 14.6.2007, p. 23.

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti (KE) Nru 538/2007 u (KE) Nru 634/2007 u d-Deċiżjoni Nru 623/2007/KE, fil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li għandhom ikunu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE mal-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-8 ta' Diċembru 2007, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni ŻEE ta', u fis-Suppliment ŻEE ta', il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, 7 ta' Diċembru 2007.

Għall-Kumitat Konġunt ŻEE
Il-President
Stefán Haukur JÓHANNESSON

(*) Ebda obbligi kostituzzjonali m'huma indikati.